# LECTIO DIVINA

# IT-TLETIN ĦADD

# MATUL IS-SENA (SENA Ċ)

### Lq 18,9-14

**[Lq:18:9-10] Kien hemm uħud li kienu jafdaw fihom infushom li huma ġusti u kienu jmaqdru lill-oħrajn. Ġesù qalilhom din il-parabbola: "Żewġt irġiel, wieħed Fariżew u l-ieħor Pubblikan, telgħu fit-tempju biex jitolbu.**

***« Żewġt irġiel »*** : Żewġ personaġġi fejn wieħed jista' jidenfika ruħu magħhom: Il-parabbola taż-żewġ ulied, wieħed jgħid 'iva' u ma jmurx u l-ieħor jgħid 'le' u jmur (ara Mt 21, 28-32) ; iż-żewġ ulied fil-parabbola tal-Iben il-Ħali (ara Lq 15,11-32) ; il-parabbola ta' dak li bena daru fuq il-blat u l-ieħor fuq ir-ramel (ara Lq 6, 46-49).

***«wieħed Fariżew l-ieħor Pubblikan »*** : Il-Pubblikan kien meqjus bħala midneb pubbliku u disprezzat mill-oħrajn b'differenza mill-fariżej li kienu meqjusa bħala persuni eżemplari u rispettati mill-bqija. Iżda lilhom Ġesu' qal: "Intom dawk li tagħmluha ta' nies sewwa f'għajnejn il-bnedmin. Imma Alla qalbkom jafha. Għax dak li f'għajnejn il-bnedmin hu kbir, quddiem Alla hu mistkerrah. (Lq 16,15).

***« telgħu fit-tempju biex jitolbu »*** : It-tnejn jagħmlu l-istess azzjoni tajba, imma l-motivazzjoni tista' tbiddilha f'azzjoni ħażina. Kif l-istess ħaġa indifferenti bħalma hu l-ikel u x-xorb, tista' tinbidel f'azzjoni qaddisa : « Sew jekk tieklu, dew jekk tixorbu, tagħmlu x'tagħmlu, agħmlu kollox għall-glorja t'Alla » (1 Kor 10,31).

**[Lq18:11-12] Il-Fariżew, wieqaf, talab hekk f'qalbu, 'O Alla, niżżik ħajr li m'iniex bħall-bqija tal-bnedmin, ħalliela, inġusti, żienja, jew ukoll bħal dan il-pubblikan. Jiena nsum darbtejn fil-ġimgħa u nħallas l-għexur ta' kull ma ndaħħal.'**

***« talab hekk f'qalbu, 'O Alla, niżżik ħajr li m'iniex bħall-bqija tal-bnedmin »*** : Jibda t-talba tajjeb : 'O Alla' u 'niżżik ħajr' : li tirringrazja hi azzjoni fundamentali tal-bniedem. Imma flok idur lejn Alla jibqa' idur miegħu nnifsu. Marija quddiem il-kobor t'Alla ħarġet minnha nfisha : « Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej » (Lq 1,46). Il-Fariżew :

- Jippreżenta lilu nnifsu bħala padrun, għani, persuna b'awtorita', li għandu d-drittijiet.
- Dak 'Alla' huwa għalih l-'Jien'. Alla qiegħed hemm biex hu jkompli jikber fil-kompjaċenza ;
- Mhux fi djalogu m'Alla, imma fi djalogu miegħu nnifsu. Jirringrazzja lilu nnifsu 'nizzik ħajr għax jien…' u mhux lil Alla : 'għax int' ;
- Jitkellem fuq dak li mhux u mhux fuq dak li hu – forma ta' idolatija għax Alla hu 'Dak li Hu' ;
- Jemmen li jinsab fis-sewwa : Meta persuna taħseb li hija fis-sewwa ħadd ma jista' jikkonvinċiha ;
- Dak li jgħid fuq l-oħrajn huwa projezzjoni ta' dak li hu : 'ħalliel' (qed jisraq il-glorja t'Alla) ;inġust (Iħobb lilu nnifsu flok lil Alla u jiddisprezza lill-oħrajn) ; żienja (jixtri lil Alla biex jakkwista) ;
- Kuntent mhux bl-għeġubijiet t'Alla iżda bih innifsu ;
- Jaħseb li kull ħaġa li jagħmel hija frott tal-isforzi tiegħu : *'Alla bilfors irid jagħtini għax qed nosservalu l-liġi'* . Għalih Alla għandu jħossu obbligat jirringrazzja lilu - Ma jafx x'jiġifieri tkun maħbub u maħfur b'xejn mill-Missier ;
- Sodisfatt li mhuwiex bħall-oħrajn : il-prużuntuż ineħħi kull stima mill-oħrajn u jarahom inqas minnu. Għalhekk iħoss li jista' jiġġudikahom ;
- Ma seta' qatt jilqa' fih il-ferħ tal-maħfra għax kien iqis ruħu li ħaqqu s-salvazzjoni ;
- Huwa 'Il bogħod mill-kelmiet : « Tagħmlu xejn b'pika ta' partit, anqas għall-ftaħir fieragħ ; imma kunu umli u kull wieħed minnkom iqis lill-ieħor aħjar minnu » (2 Fil 2,3)
- Mhuwiex konxju ta' dak li jgħid Pawlu: **"**Miniex nagħmel it-tajjeb li rrid, imma qiegħed nagħmel il-ħażin li ma rridx." (Rum 7,19).

***« nsum darbtejn fil-ġimgħa » :*** suppost l-obbligu tas-sawm kien darba fis-sena, f'Jum l-Espjazzjoni (ara Lev 16,29). Il-veru sawm huwa li ma 'tikolx' lill-oħrajn u « li taqsam ħobżok ma min hu bil-ġuħ » (ara Is 58,6-7).

***« nħallas l-għexur ta' kull ma ndaħħal »*** : L-għexur suppost iħallashom il-produttur u mhux il-konsumatur (Dt 14,22-27). Ried ipatti wkoll għal min ma kienx iħallas is-sehem tiegħu.

**[Lq18:13] Iżda l-pubblikan, bilwieqfa fil-bogħod, imma beda jħabbat fuq sidru u jgħid: 'O Alla, ħenn għalija, għax jien midneb!'**

***« Iżda l-pubblikan, bilwieqfa fil-bogħod anqas biss ried jerfa' għajnejh lejn is-sema»*** : Pożizzjoni diversa mill-Fariżew. Jgħaddi mill-bieb id-dejjaq għax mhuwiex mimli bih innifsu (ara Mt 7,13-14). Iktar ma wieħed jagħraf, jammetti u jaċċetta d-dnub tiegħu, iżjed ma jasalx jiġġudika lill-oħrajn għax kapaċi jagħraf it-travu li għandu f'għajnejh (ara Mt 7,3).

***« 'O Alla, ħenn għalija' »*** : Qed jitlob lil dak Alla li huwa Imħabba, ħanin li jagħti l-grazzja, li "qasba mġelġla ma jiksirhiex, musbieħ inemnem ma jitfihx." ..(Is 42,3), u li qalb maqsuma u sogħbiena ma jwarrabhiex (ara Salm 51,19). L-imħabba u l-grazzja huma mogħtija b'mod gratuitu u mhux jinxtraw bl-opri.

***« 'għax jien midneb!' »*** : Qed iħares lejh innifsu, ghalhekk huwa 'il-midneb'. Ma jqisux wieħed bħall-oħrajn. Jarawh anke l-oħrajn li huwa midneb, fosthom il-Fariżew. Huwa f'din il-miżerja tiegħu li huwa jista' jirċievi l-Grazzja u l-Ħniena.

It-talba tal-Pubblikan hija t-talba tal-għaxar imġiddmin (Lq 17,13) u tal-għama ta' Ġeriko (Lq 18,38). Il-bniedem jirnexxielu jagħmel it-talba tal-Pubblikan meta jagħraf li huwa Fariżew.

**[Lq18:14] Ngħidilkom jien li dan, u mhux l-ieħor, niżel id-dar iġġustifikat. Għax kull min jitkabbar, jiċċekken; u min jiċċekken, jitkabbar."**

***« niżel id-dar iġġustifikat »*** : Huwa ġustifikat meta jilqa' fih il-ġustizzja t'Alla ; il-Grazzja u l-Imħabba tiegħu.

**GĦAR-RIFLESSJONI** *: « I destinatari sono « alcuni che presumevano di esser giusti e disprezzavano gli altri ». Costoro non sono i farisei nel tempo di Gesu', ma i cristiani delle comunita' di Luca. E' in costoro che si e insinuata la pericolosa mentalita' farisaica. La parabola e' diretta ai cristiani di ogni tempo perche' l'idea di poter 'meritare' davanti a Dio e' profondamente radicata nell'uomo. Nessuno e' completamente immune da questo 'lievito' che inquina e corrompe la vita delle comunita' (Mc 8,16) »* ***(Fernando Armellini)***